III

*(Atti oħrajn)*

# ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

## DEĊIŻJONI TAL-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA

## Nru 170/14/COL

## tal-24 ta' April 2014

## dwar il-mappa tal-għajnuna reġjonali Islandiża 2014-2020 (L-Islanda)

L-AWTORITÀ TA' SORVELJANZA TAL-EFTA ("L-AWTORITÀ"),

Wara li kkunsidrat:

Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), b'mod partikolari għall-Artikoli minn 61 sa 63 u l-Protokoll 26 tiegħu,

Il-Ftehim bejn l-Istati tal-EFTA dwar it-Twaqqif ta' Awtorità ta' Sorveljanza u ta' Qorti tal-Ġustizzja ("il-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti"), b'mod partikolari għall-Artikolu 24 tiegħu,

Billi:

### 1. **Proċedura**

(1) Permezz ta' ittra tal-4 ta' April 2014 l-awtoritajiet Islandiżi nnotifikaw il-mappa tal-għajnuna reġjonali tagħhom applikabbli mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 ("il-mappa tal-għajnuna reġjonali") b'segwitu għall-paragrafu 156 tal-Linji Gwida tal-Awtorità dwar l-għajnuna reġjonali mill-Istat għall-2014-2020 ("RAG") [1]. Dawn il-linji gwida jeħtieġu li l-Istati tal-EFTA li għandhom l-intenzjoni li jagħtu għajnuna reġjonali jinnotifikaw il-mapep tal-għajnuna reġjonali.

(2) Din id-deċiżjoni tirrappreżenta l-valutazzjoni tal-Awtorità tal-kompatibbiltà tal-mappa notifikata mal-RAG skont il-paragrafu 157 ta' dawn il-linji gwida. Il-mappa nnifisha ma tinvolvi l-ebda għajnuna mill-istat skont it-tifsira tal-Artikolu 61 tal-Ftehim taż-ŻEE. L-approvazzjoni tal-mappa mill-Awtorità ma tikkostitwixxix awtorizzazzjoni biex tingħata ebda għajnuna. L-awtorizzazzjoni tal-mappa tistabbilixxi, flimkien mal-RAG, il-qafas għall-għoti ta' għajnuna għall-investiment reġjonali. F'dan ir-rigward il-mappa tikkostitwixxi parti integrali tal-RAG [2].

### 2. **Reġjuni eliġibbli skont it-test tad-densità tal-popolazzjoni**

#### 2.1. *Il-kopertura tal-popolazzjoni nazzjonali u reġjuni Statistiċi fl-Islanda*

(3) Kopertura tal-popolazzjoni nazzjonali ta' reġjuni megħjuna fl-Istati tal-EFTA ġiet stabbilita fl-RAG. Il-kopertura tal-popolazzjoni nazzjonali għall-Islanda għall-2014-2020 hija 36,5 % [3].

---

[1] Adottata mid-Deċiżjoni Nru 407/13/COL tat-23 ta' Ottubru 2013.
[2] Il-paragrafu 157 tal-RAG.
[3] Il-paragrafu 142 tal-RAG. Skont il-paragrafu 140 tal-RAG, il-popolazzjoni taż-żona megħjuna hija inqas minn dik ta' żoni mhux megħjuna.

(4) L-Islanda hija maqsuma f'żewġ reġjuni Statistiċi ([1]) fil-livell 3:

— ir-Reġjun kapitali (*Höfuðborgarsvæðið*), u

— l-Islanda 'l barra mir-reġjun Kapitali (*Landsbyggð*).

2.2. *Il-mappa notifikata*

(5) Minħabba l-PDG *per capita* relattivament għoli, l-ebda reġjun Islandiż ma jikkwalifika għad-deroga skont l-Artikolu 61(3)(a) tal-Ftehim taż-ŻEE ([2]).

(6) L-awtoritajiet Islandiżi nnotifikaw l-Islanda 'l barra mir-reġjun Kapitali li tikkwalifika għad-deroga skont l-Artikolu 61(3)(c) tal-Ftehim taż-ŻEE, ibbażata fuq densità baxxa tal-popolazzjoni ([3]).

(7) L-awtoritajiet Islandiżi ssottomettew mappa li tistabbilixxi ż-żoni magħżula (stabbiliti bħala Anness I għal din id-Deċiżjoni). Iż-żona magħżula, l-Islanda 'l barra mir-reġjun Kapitali, tkopri erja ta' art ta' 99 258 km$^2$.

(8) L-Islanda 'l barra mir-reġjun Kapitali hija reġjun Statistiku fil-livell 3 b'inqas minn 12,5 abitant għal kull km$^2$. Għalhekk, iż-żona magħżula tikkwalifika bħala żona skarsament popolata ([4]).

(9) Il-popolazzjoni totali tal-Islanda fl-1 ta' Jannar 2014 ammontat għal 325 671 abitant u l-popolazzjoni totali taż-żona koperta mill-mappa tal-għajnuna reġjonali notifikata hija, skont l-iktar dejta riċenti ppubblikata mill-uffiċċju nazzjonali tal-istatistika, 116 919 abitant. ([5]) Konsegwentement, il-popolazzjoni koperta mill-mappa tal-għajnuna reġjonali notifikata hija 35,9 % tal-popolazzjoni Islandiża. Din hija inqas mill-kopertura tal-popolazzjoni nazzjonali stabbilita għall-Islanda fil-RAG (36,5 %) ([6]).

2.3. *Ħarsa ġenerali ta' muniċipalitajiet koperti mill-mappa ta' għajnuna reġjonali kif notifikat*

(10) In-numru ta' muniċipalitajiet koperti mill-mappa tal-għajnuna reġjonali notifikata huwa 67.

| Muniċipalitajiet | Kodiċi muniċipali |
|---|---|
| Reykjanesbær | 2000 |
| Grindavíkurbær | 2300 |
| Sandgerðisbær | 2503 |
| Sveitarfélagið Garður | 2504 |
| Sveitarfélagið Vogar | 2506 |
| Akraneskaupstaður | 3000 |
| Skorradalshreppur | 3506 |
| Hvalfjarðarsveit | 3511 |
| Borgarbyggð | 3609 |
| Grundarfjarðarbær | 3709 |
| Helgafellssveit | 3710 |
| Stykkishólmsbær | 3711 |

| Muniċipalitajiet | Kodiċi muniċipali |
|---|---|
| Eyja- og Miklaholtshreppur | 3713 |
| Snæfellsbær | 3714 |
| Dalabyggð | 3811 |
| Bolungarvíkurkaupstaður | 4100 |
| Ísafjarðarbær | 4200 |
| Reykhólahreppur | 4502 |
| Tálknafjarðarhreppur | 4604 |
| Vesturbyggð | 4607 |
| Súðavíkurhreppur | 4803 |
| Árneshreppur | 4901 |
| Kaldrananeshreppur | 4902 |
| Strandabyggð | 4911 |

([1]) Il-paragrafu 142 tal-RAG.
([2]) Il-paragrafu 142(a) u 143-144 tal-RAG.
([3]) Il-paragrafi 148 u 149 tal-RAG.
([4]) Il-paragrafu 149 tal-RAG.
([5]) Informazzjoni sottomessa mill-awtoritajiet Islandiżi, tinsab fuq http://www.hagstofa.is/?PageID=2593&src=https://rannsokn.hagstofa.is/pxis/Dialog/varval.asp?ma=MAN02005%26ti=Mannfj%F6ldi+eftir+kyni%2C+aldri+og+sveitarf%E9l%F6gum+1998%2D2013+%2D+Sveitarf%E9lagaskipan+1%2E+jan%FAar+2014%26path=../Database/mannfjoldi/sveitarfelog/%26lang=3%26units=Fjöldi
([6]) Il-paragrafu 142 tal-RAG.

| Muniċipalitajiet | Kodiċi muniċipali |
|---|---|
| Sveitarfélagið Skagafjörður | 5200 |
| Húnaþing vestra | 5508 |
| Blönduósbær | 5604 |
| Sveitarfélagið Skagaströnd | 5609 |
| Skagabyggð | 5611 |
| Húnavatnshreppur | 5612 |
| Akrahreppur | 5706 |
| Akureyrarkaupstaður | 6000 |
| Norðurþing | 6100 |
| Fjallabyggð | 6250 |
| Dalvíkurbyggð | 6400 |
| Eyjafjarðarsveit | 6513 |
| Hörgársveit | 6515 |
| Svalbarðsstrandarhreppur | 6601 |
| Grýtubakkahreppur | 6602 |
| Skútustaðahreppur | 6607 |
| Tjörneshreppur | 6611 |
| Þingeyjarsveit | 6612 |
| Svalbarðshreppur | 6706 |
| Langanesbyggð | 6709 |
| Seyðisfjarðarkaupstaður | 7000 |
| Fjarðabyggð | 7300 |

| Muniċipalitajiet | Kodiċi muniċipali |
|---|---|
| Vopnafjarðarhreppur | 7502 |
| Fljótsdalshreppur | 7505 |
| Borgarfjarðarhreppur | 7509 |
| Breiðdalshreppur | 7613 |
| Djúpavogshreppur | 7617 |
| Fljótsdalshérað | 7620 |
| Sveitarfélagið Hornafjörður | 7708 |
| Vestmannaeyjabær | 8000 |
| Sveitarfélagið Árborg | 8200 |
| Mýrdalshreppur | 8508 |
| Skaftárhreppur | 8509 |
| Ásahreppur | 8610 |
| Rangárþing eystra | 8613 |
| Rangárþing ytra | 8614 |
| Hrunamannahreppur | 8710 |
| Hveragerðisbær | 8716 |
| Sveitarfélagið Ölfus | 8717 |
| Grímsnes- og Grafningshreppur | 8719 |
| Skeiða- og Gnúpverjahreppur | 8720 |
| Bláskógabyggð | 8721 |
| Flóahreppur | 8722 |

(11) It-tabella ta' hawn taħt tipprovdi ħarsa ġenerali tal-muniċipalitajiet kollha, flimkien ma' kodiċijiet muniċipali ([1]), inklużi fil-mappa tal-għajnuna reġjonali.

## 3. **Intensitajiet tal-għajnuna**

(12) Iż-żona eliġibbli jkollha livell massimu ta' għajnuna ġenerali ta' 15 % ekwivalenti tal-għotja gross (EGħG). Dan jiġi ssupplimentat b'żieda ta' 20 % għal intrapriżi żgħar jew 10 % għal intrapriżi ta' daqs medju. Dawn l-intensitajiet tal-għajnuna jikkonformaw mal-limiti stipulati fil-paragrafi 154 u 155 tal-RAG.

## 4. **Tul ta' żmien u rieżami**

(13) F'konformità mal-paragrafu 156 tal-RAG, il-mappa notifikata se tkun fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020. Jekk meħtieġ, kif stipulat fil-paragrafu 161 tal-RAG, il-mappa notifikata tista' tkun soġġetta għal rieżami ta' nofs it-term f'Ġunju 2016 biex jiġu identifikati żoni possibbli li jistgħu jkunu eliġibbli għall-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 61(3)(a) tal-Ftehim taż-ŻEE u l-livell tal-intensità tal-għajnuna li jikkorrispondi mal-PDG tagħhom *per capita*.

([1]) Ara l-mappa fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

(14) Barra minn hekk, din id-deċiżjoni ma tillimitax is-setgħat tal-Awtorità biex tirrieżamina l-mappa skont l-Artikolu 1(1) fil-Parti I tal-Protokoll 3 tal-Ftehim dwar is-Sorveljanza u l-Qorti, jekk ikun neċessarju, qabel it-tmiem tal-perjodu msemmi hawn fuq.

## 5. **Konklużjoni — il-mappa tal-għajnuna reġjonali hija kompatibbli mal-RAG**

(15) Abbażi tal-evalwazzjoni ta' hawn fuq, l-Awtorità tqis li l-mappa tal-għajnuna reġjonali Islandiża għall-2014-2020 hija kompatibbli mal-prinċipji stabbiliti fil-RAG peress li ż-żona koperta ma taqbiżx il-kopertura tal-popolazzjoni eliġibbli kif stabbilit fil-paragrafu 142 tal-RAG.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-mappa tal-għajnuna reġjonali Islandiża 2014-2020 hija kompatibbli mal-prinċipji stabbiliti fil-RAG. Il-mappa, stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni, b'dan tikkostitwixxi parti integrali tal-RAG.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Islanda.

*Artikolu 3*

L-unika verżjoni awtentika ta' din id-Deċiżjoni hija dik bil-lingwa Ingliża.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' April 2014.

*Għall-Awtorità ta' Sorveljanza tal-EFTA*

Oda Helen SLETNES
*Il-President*

Frank BÜCHEL
*Membru tal-Kulleġġ*

*ANNESS*


The green area is eligible for regional aid according to the proposal
0 25 50 75 100 km
Regional aid map for Iceland
1 July 2014–31 December 2020
BYGGÐASTOFNUN